**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru. 276/2003**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Ian Abdilla)**

**vs**

**Joseph Farrugia**

**Illum, 10 ta' Lulju, 2019**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra:

> "**Joseph Farrugia**, karta ta' l-identita' numru 186467M;
>
> Billi inti akkuzat talli fis-sena 2000 u fiz-zmien ta' wara, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

Iffalsifikajt cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe invoices mahrugin lil Ceiling Systems Limited minn Fujitsu General (Euro) Gmbh tal-Germanja u minn Brooker Air Sales ta' l-Ingilterra, illi meta jigu prezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew minn bank jew stabbliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar tallo xjentament ghamilt uzu minnhom; *(Bi ksur ta' l-Artikoli 18, 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

U aktar talli fl-istes zmien u lok ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u cioe invoices mahrugin lil Ceiling Systems Limited minn Fujitsu General (Euro) Gmbh tal-Germanja u minn Brooke Air Sales ta'l-Ingliterra billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkellha billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u talli xjentement ghamilt uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza; *(Bi ksur ta' l-Artikoli 18, 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

U aktar talli fl-istess zmien u lok, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' kreditu immaginarji, jew sabiex iqanqal, tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh b'qerq ta' aktar min Lm20,000 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u persuni ohra. *(Bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil Joseph Farrugia ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat l-akkuza kif korretta quddiem il-Qorti kif diversament preseduta fis-seduta tat-23 t'April 2003:

**"Joseph Farrugia** ta' 52 sena, bin Saviour u Josephine nee' Sciortino, imwieled f'Tas-Sliema fit-28 ta' Frar 1967, u li joqghod f'No 7, Triq Wied Anglu, Birguma, karta ta' l-identita' numru 186467M;

Billi inti akkuzat talli fis-sena 2000 u fiz-zmien ta' wara, f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Iffalsifikajt cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe' invoices mahrugin lil Ceiling Systems Limited minn Fujitsu General (Euro) Gmbh tal-Germanja u minn Brooker Air Sales ta' l-Ingilterra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew minn bank jew stabbliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli xjentament ghamilt uzu minnhom; *(Bi ksur ta' l-Artikoli 18, 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

2. U aktar talli fl-istess zmien u lok, ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' invoices mahrugin lil Ceiling Systems Limited minn Fujitsu General (Euro) Gmbh tal-Germanja u minn Brooke Air Sales ta' l-Ingliterra billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u talli xjentement ghamilt uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza; *(bi ksur ta' l-Artikoli 18, 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

3. U aktar talli fl-istess zmien u lok, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' kreditu immaginarji, jew sabiex iqanqal, tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh b'qerq ta' aktar minn Lm20,000 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u persuni ohra. *(Bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, nakkuza lill-istess Joseph Farrugia, bhala proprjetarju u direttur tal-kumpanija 'Ceiling Systems Ltd.' ta' 35 sena, bin Saviour u Josephine nee' Sciortino, imwieled tas-Sliema fit-28 ta' Frar 1967, joqghod 7, Triq Wied Anglu, Birguma, u ghandu Karta ta' l-Identita Numru 186467M,

1. Talli fit-8 ta' Frar 2000 u/jew f'xi data qabel xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 7315 datat 14/1/2000, liema dokument juri valur anqas minn dak originali, kif ukoll dikjarazzjoni (Asycuda 1) bin-numru 52659. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valur reali. Il-valur dikjarat fuq il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fl-4/2/2000, kien ta' Lm6821.00c dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) imhallsa kienu ta' Lm533.00c u Lm1106.00c rispettivament. Il-Valur, Dazju u VAT reali kellhom ikunu Lm16159.00c, Lm1309.00c u Lm2620.00c rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinharab Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammontaw ghal Lm756.00c u Lm1514.00c rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

2. Talli fit-18 ta' April 2000 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 5879/5998 datat 24/3/2000, liema dokument juri valur anqas minn dak originali, kif ukoll dikjarazzjoni (Asycuda 1) bin-numru 84284. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valur reali. Il-valur dikjarat fuq il-merkanzija inkwistjoni li kienet importata f'Malta fis-17/4/2000, kien ta' Lm2074.00c dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) imhallsa kienu ta' Lm168.00 u Lm336.00c rispettivament. Il-valur, Dazju u VAT reali kellhom ikunu Lm3887.00c, Lm315.00c u Lm630.00c rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam

filli bil-qerq jinharab Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammontaw ghal Lm147.00c u Lm294.00c rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

3. Talli fis-26 ta' April 2000 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Diaprtiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 8244 datat 3/4/2000, liema dokument juri valur anqas minn dak originali, kif ukoll dikjarazzjoni (Asycuda 1) bin-numru 94297. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valur reali. Il-valur dikjarat fuq il-merkanzija inkwistjoni li kienet importata f'Malta fis-26/4/2000, kien ta' Lm12442.00c dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) imhallsa kienu ta' Lm1008.00c, Lm2015.00c u Lm4034.00c rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinharab Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammontaw ghal Lm1007.00c u Lm2016.00c rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

4. Talli fis-26 ta' April 2000 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 8388 datat 17/4/2000, liema dokument juri valur anqas minn dak originali, kif ukoll dikjarazzjoni (Asycuda 1) bin-numru 94300. B'dawn id-dokumetni huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valur reali. Il-valur dikjarat fuq il-merkanzija inkwistjoni li kienet importata f'Malta fl-24/4/2000, kien ta' Lm272.00c dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) imhallsa kienu ta' Lm22.00c u Lm44.00c rispettivament. Il-valur, dazju u VAT

reali kellhom ikunu Lm499.00c, Lm40.00c u Lm81.00c rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinharab Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammontaw ghal Lm18.00c u Lm37.00c rispettivament dovuti lilll-Gvern ta' Malta.

5. Talli fis-16 ta' Mejju 2000 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 8603 datat 28/4/2000, liema dokument juri valur anqas minn dak originali, kif ukoll dikjarazzjoni (Asycuda 1) bin-numru 110050. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valur reali. Il-valur dikjarat fuq il-merkanzija inkwistjoni li kienet importata f'Malta fil-15/5/2000 kien ta' Lm13,298.00c dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) imhallsa kienu ta' Lm1077.00c u Lm2156.00c rispettivament, Il-valur, dazju u VAT reali kellhom ikunu Lm27954.00c, Lm2264.00c u Lm4533,00c rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinharab Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammontaw ghal Lm1187.00c u Lm2377.00c rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

6. Talli fit-3 ta' Lulju 2000 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 10287 datat 26/6/2000, liema dokument juri valur anqas minn dak originali, kif ukoll dikjarazzjoni (Asycuda 1) bin-numru 168952. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valur reali. Il-

valur dikjarat fuq il-merkanzija inkwistjoni li kienet importata f'Malta fit-3/7/2000, kien ta' Lm18335.00c dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) imhallsa kienu ta' Lm1485.00c u Lm2973.00c rispettivament. Il-valur, dazju u VAT reali kellhom ikunu Lm40910.00c, Lm3314.00c u Lm6634.00c rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinharab Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammontaw ghal Lm1829.00c u Lm3661.00c rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

7. Talli fit-18 ta' Lulju 2000 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 10389 datat 11/7/2000, liema dokument juri valur anqas minn dak originali, kif ukoll dikjarazzjoni (Asycuda) bin-numru 109920. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valur reali. Il-valur dikjarat fuq il-merkanzija inkwistjoni li kienet importata f'Malta fis-17/7/2000, kien ta' Lm3668.00c dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) imhalls kienu ta' Lm297.00c u Lm595.00c rispettivament. Il-valur, dazju u VAT reali kellhom ikunu Lm8222.00c, Lm666.00c u Lm1333.00c rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli b'qerq jinharab Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammontaw ghal Lm369.00c u Lm738.00c rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

8. Talli fis-17 ta' Awwissu 2000 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana

dokument li jgib in-numru 10489 datat 1/8/2000, liema dokument juri valur anqas minn dak originali, kif ukoll dikjarazzjoni (Asycuda 1) bin-numru 25612. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valur reali. Il-valur dikjarat fuq il-merkanzija inkwistjoni li kienet importata f'Malta fl-14/8/2000, kien ta' Lm8398.00c dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) imhallsa kienu ta' Lm680.00c u Lm1362.00c rispettivament. Il-valur, dazju u VAT reali kellhom ikunu Lm25162.00c, Lm2038.00c u Lm4080.00c rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinharab Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammontaw ghal Lm1358.00c u Lm2718.00c rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 62 (f) (g) (h) (i) (m) tal-Kap 37 u l-Artikolu 18A tal-Kap 337 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tiehu in konsiderazzjoni l-Att 62 Proviso tal-Kapitolu 37 li jghid, "izda ukoll, meta jinstab hati, terz tal-piena ta' flus jitqies fuq talba tal-Prosekuzzjoni bhala dejn civili u ghandu jigi dikjarat mill-Qorti kompetenti fl-ghoti tas-sentenza li hu dovut u li ghandu jithallas lill-Gvern u ghandu jigi esegwit fl-istess Qorti li taghti s-sentenza bl-istess mod bhallikieku inghatat f'azzjoni civili maghmula bejn il-Gvern u l-hati."

U fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, nakkuza lill-istess Joseph Farrugia bhala proprjetarju u direttur ta' 'Ceiling Systems Ltd' ta' 35 sena bin Saviour u Josephine nee' Sciortino imwieled tas-Sliema fit-28 ta' Frar 1967, karta tal-

Identita` Numru: 186467M, u joqghod 7, Triq Wied Anglu, Birguma,

1. Talli fit-8 ta' Frar 2000 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 7315 datat 14/1/2000, liema dokument juri valur anqas minn dak originali, kif ukoll dikjarazzjoni (Asycuda 1) bin-numru 52659. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valur reali. Il-valur dikjarat fuq il-merkanzija inkwistjoni li kienet importata f'Malta fl-4/2/2000, kien ta' Lm6821.00c dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) imhallsa kienu ta' Lm533.00c u Lm1106.00c rispettivament. Il-valur, dazju u VAT reali kellhom ikunu Lm16159.00c, Lm1309.00c u Lm2620.00c rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinharab Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammontaw ghal Lm756.00c u Lm1514.00c rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

2. Talli fit-18 ta' April 2000 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 5879/5998 datat 24/3/2000, liema dokument juri valur anqas minn dak originali, kif ukoll dikjarazzjoni (Asycuda 1) bin-numru 84284. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valur reali. Il-valur dikjarat fuq il-merkanzija inkwistjoni li kienet importata f'Malta fis-17/4/2000, kien ta' Lm2074.00 dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) imhallas kienu ta' Lm168.00c u Lm336.00c rispettivament. B'hekk bil-hsieb li

jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinharab Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammontaw ghal Lm147.00c u Lm294.00c rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

3. Talli fis-26 ta' April 2000 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 8244 datat 3/4/2000, liema dokument juri valur anqas minn dak originali, kif ukoll dikjarazzjoni (Asycuda 1) bin-numru 94297. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valur reali. Il-valur dikjarat fuq il-merkanzija inkwistjoni li kienet importata f'Malta fis-26/4/2000, kien ta' Lm12442.00c dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) imhallsa kienu ta' Lm1008.00c u Lm2018.00c rispettivament. Il-valur, dazju u VAT reali kellhom ikunu Lm24880.00c, Lm2015.00c u Lm4034.00c rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinharab Dazju Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammontaw ghal Lm1007.00c u Lm2016.00c rispettivament douti lill-Gvern ta' Malta.

4. Talli fis-26 ta' April 2000 u'jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 8388 datat 17/4/2000, liema dokument juri valur anqas minn dak originali, kif ukoll dikjarazzjoni (Asycuda 1) bin-numru 94300. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valur reali. Il-valur dikjarat fuq il-merkanzija inkwistjoni li kienet importata f'Malta fl-24/4/2000, kien ta' Lm272.00c dazju u

Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) imhallsa kienu ta' Lm22.00c u Lm44.00c rispettivament. Il-valur, dazju u VAT reali kellhom ikunu Lm499.00c, Lm40.00c u Lm81.00c rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinharab Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammontaw ghal Lm18.00c u Lm37.00c rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

5. Talli fis-16 ta' Mejju 2000 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 8603 datat 28/4/2000, liema dokument juri valur anqas minn dak originali, kif ukoll dikjarazzjoni (Asycuda 1) bin-numru 110050. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valur reali. Il-valur dikajrat fuq il-merkanzija inkwistjoni li kienet importata f'Malta fil-15/5/2000, kien ta' Lm13298.00c dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) imhallsa kienu ta' Lm1077.00c u Lm2156.00c rispettivament. Il-valur, dazju u VAT reali kellhom ikunu Lm27954.00c, Lm2264.00c u Lm4533.00c rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinharab Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammontaw ghal Lm1187.00c u Lm2377.00c rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

6. Talli fit-3 ta' Lulju 2000 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numnru 10287 datat 26/6/2000, liema dokument juri valur anqas minn dak originali, kif ukoll dikjarazzjoni (Asycuda 1)

bin-numru 168952. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valur reali, Il-valur dikjarat fuq il-merkanzija inkwistjoni li kienet importata f'Malta fit-3/7/2000, kien ta' Lm18335.00c dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) imhallsa kienu ta' Lm1485.00c u Lm2973.00c rispettivament. Il-valur, dazju u VAT reali kellhom ikunu Lm40910.00c, Lm3314.00c u Lm6634.00c rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinharab Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammontaw ghal Lm1829.00c u Lm3661.00c rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

7. Talli fit-18 ta' Lulju 2000 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 10389 datat 11/7/2000, liema dokument juri valur anqas minn dak originali, kif ukoll dikjarazzjoni (Asycuda) bin-numru 109920. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valur reali. Il-valur dikjarat fuq il-merkanzija inkwistjoni li kienet importata f'Malta fis-17/7/2000, kien ta' Lm3668.00c dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) imhallsa kienu ta' Lm297.00c u Lm595.00c rispettivament. Il-valur, dazju u VAT reali kellhom ikunu Lm8222.00c, Lm666.00c u Lm1333.00c rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinharab Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammontaw ghal Lm369.00c u Lm738.00c rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

8. Talli fis-17 ta' Awwissu 2000 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 10489 datat 1/8/2000, liema dokument juri valur anqas minn dak originali, kif ukoll dikjarazzjoni (Asycuda 1) bin-numru 25612. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valur reali. Il-valur dikjarat fuq il-merkanzija inkwistjoni li kienet importata f'Malta fl-14/8/2000, kien ta' Lm8398.00c dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) imhallsa kienu ta' Lm680.00c u Lm1362.00c rispettivament. Il-valur, dazju u VAT reali kellhom ikunu Lm25162.00c, Lm2038.00c u Lm4080.00c rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinharab Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammontaw ghal Lm1358.00c u Lm2718.00c rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

Dan bi ksur ta' l-artikolu 80 ta' L-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998).

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil Joseph Farrugia ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat illi l-imputat ta ruhu notifikat bl-akkuza hekk korretta fis-seduta tat-23 t'April 2003.

Rat illi din il-kawza giet assenjata b'mod permanenti lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' assenjazzjoni tal-Prim' Imhallef datat 30 ta' Gunju 2015.

Rat illi meta din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti, l-provi tal-partijiet kienu gia maghluqa u l-kawza kienet ilha mhollija ghas-sottomissjonijiet tal-partijiet sa mis-seduta tat-12 ta' Frar 2014.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-30 ta' Jannar 2007 (a folio 459) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi fis-seduta tat-08 t'April 2010 il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja u l-imputat wiegeb li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Rat illi fis-seduta tal-14 t'April 2011 il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Frar 2014 id-Difiza ghalqet il-provi taghha u l-kawza thalliet ghas-sottomissjonijiet final ital-partijiet.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-18 t'April 2018.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat tat-28 ta' Gunju 2018.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2018, il-kawza thalliet ghas-sottomissjonijiet orali ulterjuri tal-partijiet izda wara tlett seduti li kienu qed jigu differiti fuq talba ta' xi hadd mill-partijiet ai termini tal-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2018, fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2019 il-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-
"Il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-07 ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Philip Zammit et'** li tghid li pero' mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubju jkun dak dettat mir-raguni.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-05 ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti

fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l- Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'Of course, it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."

Enuncjat dan il-principju, l-Qorti sejra tghaddi issa sabiex tezamina l-provi mressqa quddiemha.

**Provi:**

**Frank Agius –** Rapprezentant tad-Dwana (A folio 20A u 20B tal-process)

Frank Agius xehed fit-23 ta' April 2003 fejn f'isem il-Kontrollur tad-Dwana huwa esebixxa *Letter to Prosecute* fil-konfront tal-imputat (A fol. 21 sa 23) kif ukoll talba sabiex f'kaz ta' htija terz tal-piena ta' flus jitqies bhala dejn Civili (A fol. 24).

**Paul Scicluna** – Spettur tal-VAT gewwa l-Ufficcju Legali tad-Dipartiment tal-VAT (A folio 25 sa 26 tal-process)

Paul Sciberras xehed fit-23 ta' April 2003 fejn huwa esebixxa *Letter to Prosecute* iffirmata minnu stess f'isem il-Kummissarju tal-VAT fil-konfront ta' Joseph Farrugia datata t-2 ta' April 2003 (A folio 27 sa 30).

**Chris Vassallo** – Fizzjal id-Dwana, *Fraud Investigations* (A folio 31 sa 40 tal-process)

Chris Vassallo xehed fit-23 ta' April 2003 fejn spjega li f'Jannar tas-sena 2003 huwa ircieva zewg setts ta' dokumenti minghand is-superjuri tieghu fi hdan id-Dipartiment tad-Dwana. Sett minnhom kien jikkonsisti f'dikjarazzjoni tal-importazzjoni li ghamel l-importatur filwaqt li s-sett l-iehor kien jikkonsisti f'*invoices* li gew mill-Germanja fuq talba tad-Dwana. Meta imqabbla rrizulta li kien hemm differenza sostanzjali.

B'referenza ghar-rapport tal-investigazzjoni li huwa hejja u ssottometta lid-Dwana u ghamel referenza ghalih waqt ix-xhieda tieghu (Dok. JF skont l-istess xhieda esebit a folio 66 sa 69 tal-process) huwa spjega li bejn Frar u u Awwissu tas-sena 2000 saru tmien (8) importazzjonijiet. L-importatur Ceiling Systems Limited iddikjara l-valur totali fl-ammont ta' sittin elf, disa' mija u tmien Lira (Lm 60,908) filwaqt li mill-*invoices* mibghuta mill-Germanja l-valur totali kien ta' mija, tlieta u erbghin elf, mitejn u tlieta u sebghin Lira (Lm143,273), konsegwenza ta' liema l-importatur hallas inqas dazju u VAT.

| **Invoice Number** | **Importer Invoice Ceiling Systems Limited** | **Exporter Invoice Fujitsu General (Euro) GMBH** |
|---|---|---|
| 7315 | Customs Value: | Customs Value: |

| | | |
|---|---|---|
| | Lm6821<br>Duty at 8.1%: **Lm553**<br>VAT at 15%: **Lm1106** | Lm16159<br>Duty at 8.1%: **Lm1309**<br>VAT at 15%: **Lm2620** |
| 5879/5998 | Customs Value: Lm2074<br>Duty at 8.1%: **Lm168**<br>VAT at 15%: **Lm336** | Customs Value: Lm3887<br>Duty at 8.1%: **Lm315**<br>VAT at 15%: **Lm630** |
| 8224 | Customs Value: Lm12442<br>Duty at 8.1%: **Lm1008**<br>VAT at 15%: **Lm2018** | Customs Value: Lm24880<br>Duty at 8.1%: **Lm2015**<br>VAT at 15%: **Lm4034** |
| 8338 | Customs Value: Lm272<br>Duty at 8.1%: **Lm22**<br>VAT at 15%: **Lm44** | Customs Value: Lm499<br>Duty at 8.1%: **Lm40**<br>VAT at 15%: **Lm81** |
| 8603 | Customs Value: Lm13298<br>Duty at 8.1%: **Lm1077**<br>VAT at 15%: **Lm2156** | Customs Value: Lm27954<br>Duty at 8.1%: **Lm2264**<br>VAT at 15%: **Lm4533** |
| 10287 | Customs Value: Lm18335<br>Duty at 8.1%: **Lm1485** | Customs Value: Lm40910<br>Duty at 8.1%: **Lm3314** |

| | | |
|---|---|---|
| | VAT at 15%: **Lm2973** | VAT at 15%: **Lm6634** |
| 10389 | Customs Value: Lm3668<br>Duty at 8.1%: **Lm297**<br>VAT at 15%: **Lm595** | Customs Value: Lm8222<br>Duty at 8.1%: **Lm666**<br>VAT at 15%: **Lm1333** |
| 10489 | Customs Value: Lm8398<br>Duty at 8.1%: **Lm680**<br>VAT at 15%: **Lm1362** | Customs Value: Lm25162<br>Duty at 8.1%: **Lm2038**<br>VAT at 15%: **Lm4080** |

In kontro-ezami x-xhud ikkonferma li lill-imputat ma jafux. Spjega li huwa ma marx il-Germanja u ma tkellem ma hadd mill-Germanja sabiex jinvestiga l-kaz odjern izda strah fuq id-dokumentazzjoni pprezentata mill-importatur u kopji tad-dokumentazzjoni li rcieva mill-Germanja. Dawn tal-ahhar ma gewx ipprezentati ghax ix-xhud stqarr li kienu fil-pussess tieghu kopji u mhux l-originali.

Huwa spjega illi id-dokumenti in kwestjoni ghaddew ghandu minghand is-superjuri tieghu madwar gimgha jew gimghatejn qabel ma hejja r-rapport datat s-16 ta' Jannar 2003 fejn ikkonferma li l-importazzjoni tal-oggetti in kwestjoni kien sar aktar minn sentejn qabel u cioe' bejn Frar u Awwissu tas-sena 2000.

**Spettur Ian J. Abdilla –** Stazzjonat *Economic Crimes Unit* (A folio 70 sa 91 tal-process), (A folio 203 sa 204 tal-process) u (A folio 272 sa 273 tal-process).

L-Ispettur Ian J. Abdilla, li illum jokkupa l-kariga ta' Assistent Kummissarju, xehed fit-23 ta' April 2003 fejn spjega li fit-2 ta' Frar 2003, il-Pulizija tal-Iskwadra tal-Frodi irceviet rapport mid-Dipartiment tad-Dwana fuq dikjarazzjonijiet ta' natura frawdolenti li kienu saru minn Ceiling Systems Limited, socjeta' Maltija lill-Awtoritajiet tad-Dwana, Maltija fir-rigward ta' importazzjoni ta' *air conditioners* mill-Germanja. Ix-xhud stqarr li tkellem fit-tul fuq dan il-kaz max-xhud precedenti Chris Vassallo.

Irrizulta li qam suspett da parti tad-Dipartiment tad-Dwana fir-rigward ta' *invoice* numru tmienja (8) datata l-1 ta' Awwissu 2000 fejn is-socjeta' *Ceiling Systems* importat mis-socjeta' Fujitsu mill-Germanja *airconditioners*. Id-Dipartiment tad-Dwana deherlu li in vista tat-tip ta' *airconditioner* il-valur kien wiehed baxx wisq u ghalhekk sar kuntatt mad-Dwana Germaniza li min naha taghha ghamlet kuntatt mas-socjeta' Germaniza *Fujitsu*. Mill-*invoice* mibghutha mill-istess socjeta' lid-Dwana Germaniza irrizulta li l-*invoice* fil-pussess tad-Dwana Maltija kienet wahda falza.

Sussegwentement id-Dwana Maltija talbet lid-Dwana Germaniza sabiex informalment tottjeni u tghaddi s-*shipments* kollha li s-socjeta' *Fujitsu General* ghamlet lejn Malta fuq it-talba tas-socjeta' *Ceiling Systems Limited*. Irrizulta li fi tmien (8) *invoices* kien hemm xi haga hazina.

Ix-xhud spjega li fl-assenza ta' dokumenti originali tas-socjeta' Fujitsu General huwa hejja ktejjeb bl-*invoices* kif mghoddija lilu mid-Dwana Maltija u cioe' *invoices* li gewipprezentati mis-socjeta' *Ceiling Systems*

lid-Dwana Maltija u l-*invoices* li rceviet l-istess Dwana mis-socjeta' *Fujitsu General* tramite d-Dwana Germaniza. Dan il-ktejjeb kien jikkontjeni ir-rapport mhejji mid-Dwana, li kien ghadda lill-Pulizija kif ukoll grupp ta' *invoices* allegatament foloz, grupp ohra tajbin filwaqt li fir-rigward ta' *invoice* bin-numru hdax (11) ghalkemm ta' natura susspettuza dan is-suspett qatt ma gie ikkonfermat. Dan id-dokument gie spjegat mill-istess xhud.

Ix-xhud kompla jixhed li fit-18 ta' Frar, flimkien ma' Surgent u Pulizija marru fix-*showroom* tas-socjeta' *Ceiling Systems* sitwata f'*Ice Showroom*, gewwa Psaila Street, Santa Venera fejn kellmu lill-imputat kif ukoll saret tfittxija fil-fond numru tlieta u erbghin (43), gewwa Mill Street, Qormi fil-prezenza ta' missieru u ghand l-*Accountant* tieghu Pierre Buttigieg. Ghakemm saret tfittxija fi tlett (3) postijiet kif ukoll fil-*computers* ghand is-socjeta' *Ceiling Systems* ma nstab ebda dokument li jappartjeni ghas-sena elfejn.

Joseph Farrugia allega li huwa seta' gie defrodat minn xi haddiema impjegati mal-kumpanija tieghu u fir-rigward ta' din l-allegazzjoni x-xhud fil-prezenza ta' PS 494 Gordon Borg, Pulizija iehor u l-*Accountant* Pierre Buttigieg accessa s-*Sage Accounting System* mis-sistema tal-*computer* tas-socjeta' *Ceiling Systems* u minn hemm huwa ha *print out* tal-*Fujitsu Account*. Huwa pprezenta *print out* ta' *Fujitsu General Account number FUJ001*, *Fujitsu General USD FUJ002* u *Fujitsu General Yan Account number FUJ003*[1]. Mid-dokument *FUJ001* irrizulta li l-valur inserit fl-*Accounts* tas-socjeta' *Ceiling Systems* meta imqabbla mad-dokumenti mibghutha mid-Dwana Germaniza kien wiehed korrett.

---

[1] Dok JF5

Mit-tfittxija li x-xhud ghamel fil-*files* ta' *VAT returns* ghal finijiet ta' *VAT* huwa spjega li mill-*invoices* li analizza irrizulta li ghal skop ta' VAT kien ittiehed il-valur originali tal-*invoices* u mhux dak iddikjarat lid-Dipartiment tad-Dwana.[2]

Fit-tfittxija li saret fil-*files* ix-xhud stqarr li instabu *payment vouchers* tal-istess socjeta' *Ceiling Systems* kif ukoll *release order*. Fil-*payment voucher*[3] kien hemm imnizzel li hareg *cheque number* 1682 fit-8 ta' Frar 2000 lil *Controller of Customs*. Mar-*release order* ix-xhud spjega li sab imwahhla *invoice* tal-*Fujitsu General* hekk kif ipprezentata mid-Dwana Germaniza lid-Dwana Maltija izda l-istess *invoice* qatt ma giet ipprezentat lid-Dwana Maltija izda instabet fil-*files* tas-socjeta' *Ceiling Systems.*

Fir-rigward tal-*modus operandi* tad-Dwana, ix-xhud spjega li l-*assicuda* u r-*release order* tinhareg mid-Dipartiment tad-Dwana fuq il-valur tal-*invoice* ipprezentata lill-istess. Il-valur tar-*release order* ma qabilx mal-valur fuq l-*invoice* tal-*Fujitsu General* li instabet mwahhla mal-istess dokumenti li sabu fil-*files*.

Fl-istess *files* ix-xhud spjega li sabu *photocopy* ta' *invoice*[4] li giet ipprezentata lid-Dipartiment tad-Dwana mill-istess socjeta' li fuqha kien hemm miktub bil-biro, "*do not post this invoice*." Pero' f'dan id-dokument il-valur ta' 30,740 Deutschmarks kien jaqbel mal-ammont fir-*release order* tad-Dwana. Ix-xhud sahaq li l-imputat baqa' jinsisti li forsi xi hadd seta' ddiffrodah.

---

[2] Dok. JF6 u Dok. JF7
[3] Dok. JF8
[4] Dok. JF9

Ix-xhud spjega li huwa kien ha l-istqarrija tal-imputat bil-miktub fl-ufficcju tieghu. L-istqarrija[5] giet rilaxxata wara li nghata s-solita twissija fejn huwa kien ghazel li ma jiffirmax l-istess stqarrija. Huwa xehed li gharaf il-firma tieghu u tas-Surgent Gordon Borg fuq l-istqarrija ta' erba' (4) pagni.

Gew mitkellma diversi nies. Ix-xhud spjega li kellmu lil *Accountant* Anthony Formosa li kien impjegat mas-socjeta' *Ceiling Systems* minn Gunju sa' Dicembru tas-sena 2000 fejn irrizulta li kien hemm dizgwid bejnu u bejn l-imputat peress li kellu problema fil-vista u beda jiehu xi zbalji pero' cahad li kellu x'jaqsam mad-Dwana u l-VAT, dawk kienu l-oqsma li Anthony Formosa spjega kien jiehu hsiebhom l-imputat.

Mario Abela, il-*General Manager* tal-istess socjeta' matul dak iz-zmien, dam impjegat ghal madwar erba' (4) snin minn Frar tas-sena 1998 sa' April tas-sena 2002 fejn huwa stqarr li telaq mill-impjieg ghax beda jhoss li kien hemm xi haga hazina. Huwa spjega lix-xhud li darba minnhom kien ra fl-ufficcju fil-*photocopier, letterhead* tal-Fujitsu General vojta minsija hemmhekk minn xi hadd. Normalment f'dak l-ufficcju kien jahdem Mario Abela u l-imputat. Huwa haseb li l-kitba bil-*biro* li instabet fuq kopja ta' *invoice*[6] setghet kienet tal-imputat kif ukoll li dak kollu li kellu x'jaqsam mad-Dwana u VAT kien jiehu hsiebu l-imputat izda li kien gieli ghaddielu xi dokumenti sabiex jghaddihom lil burdnar. Ix-xhud spjega li Mario Abela irrilaxxja stqarrija.

Meta gie mitkellem il-Burdnar, George Zammit, huwa spjega li kien jircievi d-dokumenti minghand l-imputat u fl-assenza tieghu minghand

[5] Dok. JF10
[6] Dok. JF9

Mario Abela filwaqt li kellem ukoll lis-segretarja, impjegata mal-istess socjeta' Sandra Jenkins.

In kontro-ezami x-xhud ikkonferma li l-imputat ghamel madwar ghoxrin *shipment* minn *Fujitsu General* mill-Germanja mill-informazzjoni moghti lilu mid-Dwana izda kien jimporta minn diversi kumpaniji ohra fosthom *Brook Air Sales*, liema informazzjoni inghatat lix-xhud kemm mid-Dwana kif ukoll mill-imputat innifsu.

Ix-xhud ikkonferma li fir-rigward tax-*shipments* kollha li saru minn *Fujitsu General* mill-Germanja tmienja (8) allegatament ma qablux mal-*invoices* ipprezentati kif ukoll li l-imputat cahad li kien konsapevoli dwar kwalsiasi kwestjoni f'dan ir-rigward. Huwa tkellem ma diversi persuni, kollha kemm huma inghataw is-solita twissija u cahdu li kienu jafu b'din il-kwestjoni.

Ix-xhud stqarr li d-dokumenti li gew *printed* kif ukoll dawk li ttiehdu mill-ufficcju tal-imputat ma gewx iffirmati mill-imputat u lanqas issigillati f'envelopp izda baqghu fil-pussess tax-xhud. Inkjesta ma infethitx u *IT Expert* sabiex janalizza l-*computers* ma tqabbadx izda x-xhud spjega li ra l-kontenut tal-*computers*. Pero' ma saret ebda tfittxija fir-residenzi tal-impjegati tal-imputat.

Ix-xhud ikkonferma li wiehed mill-impjegati kellu disgwid mal-imputat, di fatti kienu ghaddew minn proceduri civili fejn l-impjegat kien rebah il-kawza filwaqt li impjegat kien ghamel perjodu qasir jahdem ma' kompetitur tal-istess imputat.

Fil-21 ta' Mejju, 2003 ix-xhud ipprezenta l-*Memorandum and Articles of Association*[7] tas-socjeta' *Ceiling Systems Limited* fejn spjega li l-imputat kien l-unika Direttur tas-socjeta' in kwestjoni.

Fit-13 ta' Awwissu, 2004 ix-shud spjega lill-Qorti li pprezenta rikors ta' tlett (3) faccati kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliz sabiex l-ittri rogatorji jintbghatu l-Germanja, l-ewwel sett lid-Dwana Germaniza u t-tieni sett lil *Fujitsu General* liema dokumenti originali esebiti in atti mid-Dwana Maltija kellhom jigu mehmuza mal-istess sabiex jigu kkonfermati miz-zewg entitajiet Germanizi.

**Mario Abela** – *General Manager Metco* (A folio 189 sa 199 tal-process)
Mario Abela xehed fit-23 ta' April 2003 fejn spjega li madwar hames (5) snin ilu beda jokkupa l-pozizzjoni ta' *General Manager* mas-socjeta' *Ceiling Systems* izda kien ilu li waqaf madwar sena fejn kienu jgibu x-xoghol, jigbru t-*tenders*, jistmawhom u jissortjwahom filwaqt li meta kien ikollhom xi progett ghaddej huwa kien jikkalkula kemm-il *unit* kellhom bzonn.

Fir-rigward tal-procedura li kienu jaddottaw meta jimportaw ix-xoghol minn barra specifikament mill-*Fujitsu General*, il-Germanja huwa spjega li l-*general order, stock taking* u certu affarijiet li kellhom x'jaqsmu mad-Dwana kien jiehu hsiebhom l-imputat.

Huwa spjega li waqt li kien qieghed jitkellem mal-Ispettur Abdilla kien gie id-diskors fuq *letter head* tal-Fujitsu vojta li kien sab hdejn il-*photocopier* fl-ufficcju gewwa Mill Street, Hal-Qormi. Fl-ufficcju kienu

---

[7] Dok. JF12

tlieta (3) min-nies, l-imputat, kollega bl-isem ta' Sergio u x-xhud. Muri *invoice*[8] x-xhud spjega li l-kitba kienet tal-imputat. Huwa stqarr li c-cekkijiet kif ukoll krediti dovuti lis-socjeta' *Ceiling Systems* kienu jithallsu mill-imputat u wiehed mid-Diretturi u cioe' John, Paul jew missierhom Saviour.

Ix-xhud stqarr li huwa telaq mill-impjieg mas-socjeta' *Ceiling Systems* ghax sab xoghol ahjar u qatt ma kellu disgwid mal-imputat.

**PS 494 Gordon Borg –** Stazzjonat *Economic Crimes Unit* (A folio 206 sa 209 tal-process).

PS 494 Gordon Borg xehed fil-21 ta' Mejju, 2003 fejn spjega li l-Pulizija Ezekuttiva taw bidu ghal investigazzjoni wara li rcevew rapport mid-Dwana li kien jirrigwarda evazjoni tat-taxxa. Fit-18 ta' Frar, 2003 marru ghand *Ceiling Systems* li tinsab Santa Venera fejn saret tfittxija ghal dokumenti precizament *invoices* li kienu jirrigwardaw l-importazzjoni ta' *air conditioning units* mill-Germanja. It-tfittxja saret fil-*computer* fis-sistema tas-*Sage* sabiex jigu identifikati l-pagamenti fejn gew elevati xi dokumenti, fil-*filing system* gewwa l-*filing cabinet* fejn gie elevat dokument bil-kliem, '*do not file this invoice in the specific file*.'[9] Ix-xhud gharaf Dok. JF9 u JF5. Ghalkemm ftakar li gew elevati aktar dokumenti, ma gharafx jekk kienux fil-fatt Dok. JF6 u Dok. JF7. Huwa ikkonferma li l-imputat irrilaxxja stqarrija[10] fil-prezenza tieghu wara li inghataw is-soliti drittijiet lill-imputat izda huwa ghazel li ma jiffirmahiex. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu kif ukoll tal-Ispettur Abdilla.

---

[8] Dok. JF9
[9] A folio 207
[10] Dok. JF10

**Anthony Formosa** – *Boarded Out* (A folio 210 sa 218 tal-process).

Anthony Formosa xehed fis-21 ta' Mejju, 2003 fejn spjega li huwa kien ghamel zmien impjegat mas-socjeta' *Ceiling Systems* fil-kwalita' ta' *Accountant*. Huwa dam f'dan l-impjieg ghal tlett (3) xhur mill-24 ta' Lulju sa Novembru. Huwa stqarr li kif beda l-impjieg tieghu sab certu traskuragni da parti ta' min kien jaghmel dan ix-xoghol qablu u ghalhekk kellu jmur lura fis-snin precizament minn Jannar tas-sena 2000.

Fir-rigward ta' dokumentazzjoni mahruga mid-Dwana relattivi ghas-*shipments* kif ukoll il-*VAT returns*, ix-xhud spjega li dawn kien jiehu hsiebhom l-imputat. B'referenza ghal Dok. JF8 ix-xhud ikkonferma li dan huwa *cheque* mahrug mill-Kontrollur tad-Dwana (jidher li hawn zball fit-traskrizzjoni fis-sens illi ghandha taqra illi fic-*cheque* mahrug lill-Kontrollur tad-Dwana u mhux mill-Kontrollur tad-Dwana a folio 213 tal-process) filwaqt li muri *payment voucher* huwa spjega li meta jinhareg *cheque*, dan id-dokument kien jigi iffirmat minn min huwa awtorizzat. Di fatti huwa sahaq li l-firma ma kenitx tieghu.

Huwa spjega li l-*payment voucher* kienet procedura interna izda huwa kien jistrieh fuq il-mamma tac-*cheque* fejn kien jara li c-*cheque* jaqbel mal-*invoice* jew dokument iehor. Il-kontenut ta' dawn id-dokumenti kien jiddahhal minnu jew mis-segretarja u sussegwentement l-istess jigu iffirmati. B'referenza ghal Dok. JF9 ix-xhud spjega li dan id-dokument huwa *packing list* li seta' jintuza bhala *invoice* u jidher li ghadda mid-Dwana peress li hemm it-timbru. Ghalkemm ix-xhud spjega li teknikament dan id-dokument suppost ghadda min taht idejh huwa stqarr li ma hemmx il-firma tieghu fuq id-dokument izda l-kliem, "*do not post as invoice*" liema kitba huwa sahaq li ma kinitx tieghu. Ix-xhud spjega li ma kienx hemm dizgwid bejnu u bejn l-imputat izda gie

imkecci wara allegazzjoni ta' traskuragni fil-konfront tieghu da parti tal-istess imputat.

**PC 273 Frankie Tabone –** Stazzjonat Frodi (A folio 238 sa 240 tal-process).

PC 273 Frankie Tabone xehed fis-17 ta' Novembru, 2003 fejn huwa spjega li fit-18 ta' Frar, 2003 flimkien mal-Ispettur Abdilla u PS494 Gordon Borg marru gewwa x-*showroom* tal-*Iceberg* li tinsab gewwa Psaila Street, *Santa Venera* fejn kellmu lill-proprjetarju ta' parti mill-hanut u cioe' lill-imputat u informawh li kienet ghaddejja investigazzjoni fejn riedu jaghmlu tfittxija ta' xi dokumenti. Saret tfittxija fil-prezenza tal-imputat u tal-*Accountant* Pierre Buttigieg gewwa tlieta u erbghin (43), Mill Street, Qormi izda din it-tfittxija rrizultat fin-negattiv. Kien fl-*Iceberg Showroom* gewwa *Psaila Street*, Santa Venera li sabu dokumenti relatati mal-investigazzjoni, liema dokumenti gew elevati. Ix-xhud gharaf id-dokumenti li gew elevati.[11]

**George Zammit –** Burdnar (A folio 262 sa 264 tal-process).

George Zammit xehed fit-23 ta' Gunju, 2004 fejn spjega li huwa jahdem bhala Burdnar kif ukoll jaghmel xoghol ta' *Customs Clearance*.

Ix-xhud ikkonferma li l-imputat kien klijent tieghu, proprjetarju ta' *Ceiling Systems*, *Jon David* u *Iceberg*. Fir-rigward tas-socjeta' *Ceiling Systems,* ix-xhud stqarr li ftit li xejn kien ghamel xoghol ta' *Customs Clearance.*

Ix-xhud spjega li l-imputat jew lavrant li jahdem mieghu kienu jghaddulu d-dokumentazzjoni relattiva sabiex jinhareg ix-xoghol.

---

[11] A fol. 94 sa 108, Dok. JF6 u 7, A fol. 109 sa 110, Dok. JF8, Afol. 112, Dok. JF9

**Marie Fleur Gauci** – Deputat Registratur Qrati ta' Malta (A folio 357 sa 358 tal-process).

Marie Fleur Gauci xehdet fid-29 ta' Novembru, 2006 fejn esebiet l-ittri rogatorji kif mghoddija lilha mir-Registratur tal-Qrati, Malta.

**Leanne Falzon** – Traduttrici (A folio 461 sa 462 tal-process)

Leanne Falzon xehdet fil-15 ta' Marzu 2007 fejn hija pprezentat t-traduzzjoni tal-ittri rogatorji.

**Dr Rump Jurgen** – Avukat Amministrattiv (A folio 464 sa 466 tal-process)

Ix-xhud ta x-xhieda tieghu fl-10 ta' Jannar, 2006 fejn huwa spjega li huwa kien ilu jahdem mal-*customs criminology office* qabel maghruf bhala *customs criminology institute* mis-sena 1989, dan huwa centru ta' l-investigazzjonijiet tad-Dwana Germaniza. Permezz ta' *fax* datat nhar l-25 ta' Awwissu 2000 waslet komunikazzjoni minghand l-amministrazzjoni tad-Dwana Maltija. F'din il-komunikazzjoni kien hemm kont tad-ditta *Fujitsu Werfstrasse* 20 in 4059 Dusseldorf, liema kont kienu juri total ta' 36,080 DM. Fil-11 ta' Settembru kienet intalbet informazzjoni bil-miktub lil *Fujitsu* senjatament kemm kien gie it-total tal-kont numru 10489 tal-1 ta' Awwissu 2000 kif ukoll sabiex jipprovdu dan il-kont. Fit-13 ta' Settembru 2000, id-ditta Fujitsu tat informazzjoni li ma kien inhareg l-ebda kont bin-numru 10489 datat l-1 ta' Awwissu 2000 ghall-klijenti *Ceiling Systems*. Din l-informazzjoni kellha tigi trasmessa lil amministrazzjoni tad-Dwana Maltija tramite *fax* tat-23 ta' Ottubru 2000. B'fax mibghut mid-Dwana Maltija fis-27 ta' Novembru 2000, gejna mitluba jekk is-socjeta' *Fujitsu* bghatitx xi *airconditioners* lis-socjeta' Malta lejn l-ahhar ta' Lulju jew bidu ta' Awwissu 2000 kif ukoll gew mitluba kopji tal-kontijiet. Is-socjeta' *Fujitsu* permezz ta' *fax* tat-8 ta' Jannar 2001 baghtet lista ta' kontijiet kollha li nhargu lis-

socjeta' *Ceiling Systems* fil-perjodu bejn il-1 ta' Jannar 2000 sal-31 ta' Dicembru 2000. L-agent tal-kumpanija Andreas Simons avzahom li ma dawn il-kontijiet ma gewx nibghuta l-*pro-forma invoices* peress li dawn jigu mahruga biss ghal skopijiet ta' Dwana. Il-*pro-forma invoices* kienu ghadhom ma ntbghatux.

Ix-xhud spjega li b'kollox gew pprezentati tnejn u ghoxrin (22) kopja ta' kontijiet datati bejn l-14 ta' Jannar 2000 u l-20 ta' Lulju 2000. Dawn il-kontijiet gew mibghutha fit-23 ta' Jannar 2001 mill-*customs criminological office* lill-amministrazzjoni tad-Dwana Maltija. Huwa ta ukoll is-segwenti spjegazzjoni:

| | **Kont Numru Data** | **Valur Ceiling Systems** | **Valur Fujitsu** | **Kummenti** |
|---|---|---|---|---|
| a | 7315<br>14 ta' Jannar, 2000 | 30,740DM | 75,020DM | Tipa tal-Kont ma kenitx taqbel |
| b | 5879/5998<br>24 ta' Marzu, 2000 | 4,4000 Dollaru Amerikan | | Ma giex ipprezentat mill-kumpanija |
| c | 8244<br>3 ta' April, 2000 | 58,685DM | 106,250DM | Tipa tal-kont hija differenti |
| d | 8388<br>17 ta' April, 2000 | 950 DM | 2,050DM | Tipa hija differenti minn dik |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | ipprezentata minn *Fujitsu* |
| e | 8603<br>28 ta' April, 2000 | | 134,450DM<br>Il-prezz huwa ghola aktar mid-doppju min dik tas-socjeta' Maltija | Tipa hija wahda differenti |
| f | 9626<br>26 ta' Gunju, 2000<br>(10287 – *Packing list number*) | 81,220DM | 19,770DM | |
| g | 10389<br>11 ta' Lulju, 2000 | 15,850DM | | Ma giex ipprezentat mill-kumpanija *Fujitsu* |
| h | 10489<br>1 ta' Awwissu 2000 | 36,080 DM | | Ma giex ipprezentat mill-kumpanija *Fujitsu* |

Ix-xhud spjega li l-*Customs Criminological office* tkellem permezz tat-telefon ma' Andreas Simons, wiehed mir-rapprezentanti tas-socjeta'

*Fujitsu General (EURO) Gmbh* gewwa Dusseldorf li pogga għad-disposizzjoni d-dokumenti tal-istess socjeta'. Ma kien hemm l-ebda sekwestru ta' dokumenti, dan ma kienx possibbli. Mill-evalwazzjoni li saret jidher illi l-amministrazzjoni tad-Dwana Maltija gietipprezentata kontijiet b'dikjarazzjoni ta' valuri foloz sabiex l-oggetti importati jithallew jidhlu Malta.

**Kaptan Reuben Lanfranco** – Traduttur (A folio 523 sa 524 tal-process)

Il-Kaptan Reuben Lanfranco xehed fl-14 ta' April, 2011 fejn huwa pprezenta t-traduzzjoni ta' dokumenti mill-lingwa Germaniza ghal dik Maltija. Mistoqsi dwar l-gurament li kellu jigi moghti lix-xhieda, huwa spjega li fit-test Germaniz ma kien hemm l-ebda accenn ghall-gurament izda biss li x-xhud ghandu jghid il-verita'. Spejga wkoll illi mill-esperjenza tieghu, fil-gurisdizzjoni Germaniza ma jinghatax il-gurament lix-xhud kif isir fil-gurisdizzjoni Maltija.

**Marita Miekkoniemi-Jansen** – *Book Keeping* mas-socjeta' *Fujitsu General (Euro) GmBH*. (A folio 525 sa 529 tal-process).

Ix-xhud tat x-xhieda taghha fl-14 ta' Mejju 2009 fejn spjegat li hija responsabbli ghal kotba tal-finanzi u l-amministrazzjoni generali tas-socjeta' *Fujitsu*. Stqarret li fil-prezent ma kienx hemm relazzjoni kummercjali bejn *Fujitsu* u *Ceiling Systems*. Di fatti s-socjeta' *Fujitsu* tat bidu ghal azzjoni legali f'nofs is-sena 2002 kontra l-istess socjeta'. Hija tat ukoll is-segwenti spjegazzjoni:

| | **Kont Numru**<br>**Data** | **Kummenti** |
|---|---|---|
| a | 7315 | Kont Originali tal-kumpanija *Fujitsu*, |

| | | |
|---|---|---|
| | 14 ta' Jannar, 2000 | Dusseldorf |
| b | 5879/5998<br>24 ta' Marzu, 2000 | Kont Originali tal-kumpanija *Fujitsu*, Dusseldorf |
| c | 8244<br>3 ta' April, 2000 | Kont Originali tal-kumpanija *Fujitsu*, Dusseldorf |
| d | 8388<br>17 ta' April, 2000 | Kont Originali tal-kumpanija *Fujitsu*, Dusseldorf |
| e | 8603<br>28 ta' April, 2000 | Kont Originali tal-kumpanija *Fujitsu*, Dusseldorf |
| f | 10287<br>26 ta' Gunju, 2000 | Mhuwiex kont originali tal-Kumpanija *Fujitsu*<br>Huma tal-kumpanija *Thermo Noord* fl-Olanda |
| g | 10389<br>11 ta' Lulju, 2000 | Mhumiex kont originali tal-Kumpanija *Fujitsu*<br>Jezisti fil-kotba izda mahrug ghall-kumpanija *Germaniza Ott GmBh* |
| h | 10489<br>1 ta' Awwissu, 2000 | Mhux kont originali tal-Kumpanija *Fujitsu*<br>Jezisti fil-kotba izda mahrug ghall-kumpanija *Klima Aruhaz* fl-Ungerija |

Ix-xhud spjegat li l-kontijiet fuq imsemmija huma foloz, partikolarment ghax fil-kont originali tara li d-denominazzjoni ta' flus DM hija pprintjata filwaqt li fil-kontijiet foloz din hija miktuba. Fir-rigward tal-kont numru 5879/5998 mahrug f'denominazzjoni ta' flus Amerikani hija spjegat li f'dan il-kaz il-prodott inxtara bid-denominazzjoni ta' US Dollar.

Il-kontijiet originali da parti ta' Fujitsu:

| | **Kont Numru**<br>**Data** | **Valur Fujitsu** |
|---|---|---|
| a | 7315<br>14 ta' Jannar, 2000 | 75,020DM |
| b | 8317<br>17 ta' April, 2000 | 17,750DM |
| c | 8244<br>3 ta' April, 2000 | 106,250.00 |
| d | 501885<br>6 ta' April, 2000 | 4,701.72DM |
| e | 8315<br>17 ta' April, 2000 | 8,000DM |
| f | 8388<br>17 ta' April, 2000 | 2,050.00DM |
| g | 8603<br>28 ta' April, 2000 | 132,450DM |
| h | 9626<br>26 ta' Gunju 2000 | 19,770DM |
| i | 9627<br>26 ta' Gunju, 2000 | 2,900DM |
| j | 9765<br>29 ta' Gunju, 2000 | 166,160.00 |
| k | 9844<br>5 ta' Lulju, 2000 | 37,700.00 |
| l | 9962<br>13 ta' Lulju 2000 | 111,700DM |
| m | 10068<br>20 ta' Lulju, 2000 | 5,900DM |

Ix-xhud sahhqet li ftit mill-kontijiet huma originali filwaqt li ohrajn huma foloz fejn il-kontijiet tal-kumpanija Maltija gew imhallsa tramite trasferiment mis-socjeta' Ceiling Systems. Hija ikkonkludiet li izjed informazzjoni dwar il-kaz setghat tingabar minghand Antonella Falchi, sepjcalista fuq dan is-suggett li kienet tahdem mas-socjeta' *Fujitsu* f'dak iz-zmien.

In-kontro-ezami fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2013 (A fol. 546 sa 547) il-Kaptan Reuben Lanfranco ikkonferma li b'referenza ghal traduzzjoni mil-lingwa Germaniza ghal dik Maltija precizament il-frazi, a folio 508 tal-process, "*il-persuna prezenti giet mgharfa li qed tidher bhala xhud biex taghti x-xhieda taghha fil-kaz , il-persuna giet ukoll mgharfa bil-proceduri tal-investigazzjoni u imwissija li titkellem taht gurament,*" il-kelma '*gurament*' ma kenitx qieghda fil-frazi li ttraduca izda il-kelma kienet '*verita"*.

Fit-30 ta' Jannar 2007, l-Avukat Generali baghat l-Artikoli (A folio 459 tal-process) ai termini ta' liema baghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) fl-artikoli 18, 62(f)(g)(h)(i)(m) tal-Kap.37 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikolu 18A tal-Kap. 337 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fil-proviso tal-artikoli 62 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 80 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 18 u 167 tal-Kodici Kriminali;
(f) Fl-artikoli 18 u 169 tal-Kodici Kriminali;
(g) Fl-artikoli 18 u 183 tal-Kodici Kriminali;
(h) Fl-artikoli 18 u 184 tal-Kodici Kriminali;
(i) Fl-artikoli 18, 308 u 310 tal-Kodici Kriminali;

(j) Fl-artikoli 18, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali;

(k) Fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali.

Fis-seduta tat-08 ta' April 2010, nqraw l-artikoli fit-8 ta' April 2010 (a folio 514 tal-process).

Fl-istess seduta l-Qorti staqsiet lill-imputat jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja u l-imputat wiegeb li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward **tal-akkuzi kollha relatati mal-VAT**, l-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Ian Abdilla xehed illi mit-tfittxija li x-xhud ghamel fil-*files* ta' *VAT returns* ghal finijiet ta' *VAT* huwa spjega li mill-*invoices* li analizza irrizulta li ghal skop ta' VAT kien ittiehed il-valur originali tal-*invoices* u mhux dak iddikjarat lid-Dipartiment tad-Dwana[12].

Il-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova ohra fir-rigward ta' tali akkuzi u ghalhekk l-akkuzi relatati mal-VAT ma jirrizultawx.

Illi fir-rigward **tal-akkuzi kollha relatati mad-Dwana**, din il-Qorti wara li fliet u ezaminat bir-reqqa l-process, hija tal-opinjoni illi kif jirrizulta mix-xhieda fuq imsemmija, tassew kien hemm tbaghbis ta' numru ta' invoices, fejn il-valur impurtat gie dikjarat anqas mill-valur li gie esportat mill-Fujitsu General.

[12] Dok. JF6 u Dok. JF7

Illi dan il-fatt biss wahdu pero ma hux bizzejjed biex tinstab htija fl-imputat.

Il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu illi:
(1) tipprova n-ness bejn l-istess invoices u l-imputat; u
(2) tressaq provi sal-grad li tesigi l-ligi fil-kamp kriminali; u
(3) tali provi jridu jkunu tali li ma jhallu l-ebda dubju ragonevoli li l-imputat huwa hati.

Fil-kaz odjern il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni huma difettuzi minn diversi lati u ma jilhqux il-grad li tirrikjedi l-ligi fil-kamp kriminali, u dan kif jirrizulta mill-esposizzjoni tal-provi li saret fuq u kif ser jigi elenkat fil-qasir issa:

1. L-invoices originali mahruga mill-Fujitsu jew ghall-anqas vera kopja taghhom, qatt ma gew prezentati in atti. B'hekk il-paragun li kellu jsir mill-ufficcjal tad-dwana u mill-Prosekuzzjoni bejn tali invoices u dawk prezentati lid-Dwana mill-imputat ma jistax jirrizulta u ma jirrizultax in atti. Li taghmel paragun mhux ma' dokument originali izda ma' kopja tal-original ma hemmx dubju li ma jikkostitwixxix l-ahjar prova li kellha ggib il-Prosekuzzjoni.

2. Il-Prosekuzzjoni kellha titlob il-hatra ta' espert tekniku sabiex janalizza l-kompjuters fl-ufficcji tal-imputat, johrog l-informazzjoni relevanti ghall-kaz u jirrelata dwar dak li jikkonstata. Hekk il-Prosekuzzjoni kien ikollha prova ammissibbli, prezentata minn persuna kompetenti u liema prova tkun tilhaq il-grad rikjest mil-ligi fil-kamp kriminali izda flok saret talba ghall-hatra ta' espert il-Prosekuzzjoni harget mill-

kompjuter dak li dehrilha relevanti u pprezentatu hi stess bhala prova. Hawnhekk tali prova tfalli fuq tlett binarji: (a) ma ngabritx minn espert, (b) ma ngabritx minn persuna indipendenti u imparzjali izda mill-Prosekuzzjoni nfisha u (c) konsegwentament ma tilhaqx il-grad tal-prova rikjest fil-kamp kriminali.

3. Il-provi migbura bil-procedura tar-rogatorji ma jistghux jitqiesu ammissibbli ghaliex fiz-zewg kazi, minkejja li d-Difiza vverbalizzat l-interess taghha li tkun prezenti waqt is-smiegh tax-xhieda u dan bi dritt sabiex l-imputat ikun rapprezentat u jsiru d-domandi ghan-nom tieghu, dan ma sarx u dan minkejja li saru zewg talbiet mid-Difiza f'zewg istanzi differenti. Hekk l-imputat gie wkoll imcahhad mill-kontro-ezami tal-imsemmija zewg xhieda.

4. L-istess xhieda ma hiex ammissibbli bhala prova wkoll ghaliex (a) ix-xhieda ma inghatawx il-gurament jew ghall-anqas ghamlu dikjarazzjoni solenni kif inhu rikjest taht il-Ligi Maltija sabiex dak li jghid xhud ikun jikkostitwixxi prova skont il-ligi; u (b) ix-xhieda ittiehdet minn u quddiem Ufficcjal tad-Dwana li ma hux Tribunal jew Qorti, u li ma jistax jinghad illi huwa persuna indipendenti u imparzjali fil-kaz in ezami kif tehtieg il-ligi.

5. Fir-rigward tal-akkuzi fil-konfront tal-imputat bhala direttur tal-kumpanija Ceiling Systems Ltd, il-"Memorandum and Articles of Association" tal-istess kumpanija, esebit a folio 205 tal-process, dan gie prezentat mill-Prosekuzzjoni kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju 2003. Huwa principju stabbilit illi kull dokument ghandu jigi prezentat mill-awtur tieghu u ghalhekk biex dan id-dokument jikkostitwixxi prova kellu jigi prezentat

minn rapprezentant tal-awtorita' kompetenti, dakinhar l-MFSA llum l-Agenzija ghar-Registru tal-Kumpaniji.

6. Fir-rigward tal-istqarrija tal-imputat esebita a folio 113 sa 116 tal-process, apparti l-fatt li l-imputat cahad li kien involut fl-allegati reati lilu imputati, tali stqarrija illum ma hiex ammissibbli bhala prova stante li mehuda minghajr id-dritt tal-assistenza ta' avukat. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-kawza **Il-Pulizija vs Anthony Cremona** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti dahlet fid-dettal fuq dan il-punt.

7. Fl-ahhar u mhux l-inqas huwa dover tal-Qorti illi tara li f'dan il-kaz tigi applikata wkoll l-aktar ligi favorevoli ghall-imputat, principju stabbilit u rassodat fil-gurisprudenza taghna. Il-Qorti hawn taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Gordon Spiteri** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru 2017, fejn dik il-Qorti rriabbraccjat dan il-principju. Illum l-akkuzi kif migjuba kontra l-imputat ma jikkostitwixxux reat stante li Malta hija stat membru tal-Unjoni Ewropeja u ghalhekk ma ghadx hemm hlasijiet ta' taxxi fuq importazzjonijiet u esportazzjonijiet bejn il-pajjizi stati membri tal-Unjoni Ewropeja u konsegwentamentl-istess akkuzi m'ghadhomx jikkostiwixxi reat. Il-principju applikabbli allura huwa li minghajr reat ma hemmx piena.

Ghal dawn ir-ragunijiet, wara li rat l-Artikoli 18, 62(f)(g)(h)(i)(m) tal-Kap.37 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 18A tal-Kap. 337 tal-Ligijiet ta' Malta; il-proviso tal-artikoli 62 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 80 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 18, 167, 169,

183, 184, 308, 309, 310,  532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, minkejja illi bhala fatt jirrizulta li kien hemm tbaghbis f'numru ta' invoices, ghar-ragunijiet elenkati f'din is-sentenza, l-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat fuq l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u konsegwentament qeghda tillibera lill-imputat minn kull akkuza.

(ft) ***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur